Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Jannar 2021**
**(OR. en)**

**5492/21**

**SOC 23**
**EMPL 14**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Irlanda |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Irlanda.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-ħajja u tal-kondizzjonijiet tax-xogħol (Eurofound)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019[2], it-8 ta' Lulju 2019[3], il-25 ta' Ġunju 2019[4] u s-16 ta' Settembru 2019[5] il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Fiona WARD, sar vakanti post ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-gvern tal-Irlanda nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.
2 ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.
3 ĠU C 232, 10.7.2019, p. 3.
4 ĠU C 216, 27.6.2019, p. 1.
5 ĠU C 314, 18.9.2019, p. 2.

Artikolu 1

Is-Sa Olivia CLARKE hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Fiona WARD, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President